# Frak minn żmien li għadda

It-tifkira biss ħallejtli
Biex il-għira nħoss għalik
(Dr. G. A. Vassallo)

Għadni ma mxejtx wisq mit-trieq ta' ħajti; xagħra waħda bajda għad ma dehretx f'xuxti, u l-anqas tikmix-il-moħħ, ħlas ta' min jaħseb iż-żejjed. Tista' tgħid li għadni fl-isbaħ taż-żgħożija meta hi qawwija l-qalb u ħaġa ħafifa l-eħrex taqtigħa.

Madankollu kemm-il-darba nħoss bħal ħtieġa li ximindaq qiet nieqaf fil-ħsieb tiegħi u nerġa' l-ura lejn il-bidu ta' ħajti, meta l-qalb u l-ħsieb ċkejken, qishom żewġ wardiet għodwin, jinfetħu għal l-ewwel ħolm taż-żgħożija li ma tafx bi dnewwa u anqas b'hemm. U fil-bidu ta' l-ewwel snin ta' għomri bħal issa qed nilmaħ siġra xiħa taċ-ċawsri, sultana tal-wied, fejn jikbru ħafna qasab, u siġra tal-għanżalor, wild l-iżmna tas-sena u l-ilmiet tas-sħab. Ma' din is-siġra jixxebilku l-ewwel tifkiriet ta' tfuliti b'saħħa u rabta waħda li biha s-siġra tal-kappar tinfirex mal-iswar tagħna. Din is-siġra li swietli l-ewwel dehxiet u l-ewwel għaxqiet ta' tfuliti tikber fil-wied imsejjaħ ta' Gori fejn fis-sajf iżarżru bla hedu l-urieżaq. Imberkin ix-xhur, imma fosthom Ġunju, meta din is-siġra kienet tiż-għed biċ-ċawsri mdendlin mal-friegħi qishom imsielet żgħar qalb ħafna weraq.

Niftakar li meta kont għadni tfal jien u ħafna oħra minn sħabi dik il-ħabta konna niltaqgħu qisna f'miġemgħa niftehmu kif għandna naħibtu għal din l-imbierka siġra, nindafru magħha u nieklu ikla ċawsri bil-kif. Kien ikun għadu l-anqas sebaħ sewwa meta min b'bixkilla f'idu, min b'bott, konna nitilqulha kiss inkiss għal ġol wied u f'kemm ili ngħid nixxabbtu qisna xadini nitqabżu minn fergħa għal fergħa. Mhux darba u tnejn xi ħadd minna kien sa jitfixkel u jaqa' u l-biċċa kienet tiġi bi kbira tassew. X'ferħ tixxabbat mal-friegħi waqt li l-qasab tal-wied ftit il-hinn minnek jixxenglu maż-żiffa u l-blat iswed donnu qed jħares lejk bl'ikreh. U kemm jiġik tajjeb dak iċ-ċawsri, tajjeb għax tajjeb u tajjeb għax misruq. Din il-biċċa xogħol damet sejra għal xi sentejn jew tlieta. Sena waħda imma xterdet ix-xniegħa li sid is-siġra, ix-xwejjaħ Gori, kellu joqogħdilna għassa biex jagħmel innar fuqna malli nirfsu fi ħwejjġu; u l-ixkubetta flok biċ-ċomb kellu jikkargaha bil-melħ!

Għamilna geddum daqsiex, imma qalbna ma qtajnihiex. Morna wkoll, indfarna mas-siġra, naħtfu ċ-ċawsri bla ħniena u iżjed iżjed bla tingiż tal-kuxjenza. Imma mbagħad trid tara

kif insramna xħin mid-dar tas-sid in-naħa l-oħra tal-wied, tinstama tifqigħa ta' xkubetta u jidher ileqq ponn nar qisu lsien ta' serp. Min saqajh jatuh l-iżjed jiġri l-aktar; kulħadd jinżel minn mas-siġra, jixxabbat mal-blat biex jitla minn ġol wied ħalli jaqbad l-andar ta' Xafrin, u minn hemm jitilqilha bla nifs lejn ir-raħal. Dik dehxa, dak għajjat u bxiekel biċċawsri misruq jitgerbu fl-art! Għadni nara lil Duvina titlaq il-bott taċ-ċawsri u twerżaq twerżiq tal-imġienen għax, miskina bil-fixla, x'ħin semgħet it-tifqigħa ġralha bħal Assalun, tħabblet ma' fergħa tas-siġra minn xagħarha. Mn'Alla li ħassejtni fiersi (1) biżżejjed, biex qgħadt inħollulha għalkemm b'qalbi tħabbat waħda f'waħda bil-biża'.

Tgħid x'kienet dik il-ġibda li kull sena kienet titnissel f'qalbna, ġibda qalila daqs xewqa li jkollok taqtagħha trid jew ma tridx? X'mindaqqiet naħseb li fina kien q'ed jitrabba l-ħalliel jew il-ġibda ħażina li nagħmlu l-ħsara għaliha nfisha, ġibda ħażina bħal dik li l-Qaddis Wistin kien iħoss fi tfulitu meta flimkien ma' sħabu kien jixxigħel jisraq il-lanġas mis-siġar ta' għajru. X'mindaqqiet imma naħseb li l-ħtija kienet (u din il-fehma hi aktar qawwija fija) dik il-għoġba u dik id-dehxa li konna nġarrbu xħin naraw ruħna mdendlin mas-siġra taċċawsri bil-blat sewdieni tal-wied iħares lejna bl-ikraħ wissiġar tal-qasab iħaxwxu fis-sikta donnhom q'ed igħidu lil xulxin "*Hawn huma l-ħallelin taċ-ċawsri*". U kieku ma kienx hekk xi ħadd minna kien joħroġ ħalliel. Ngħid għalija jien għadni qatt ma kont Kordin; mhux biss imma illum ninsab student l-Università u minn flok biċ-ċawsri tas-siġra ta' Gori issa q'ed nitgħajjex bil-għerf tal-Alma Mater. Frenċ, Toni u Peppi fetħu barriera għal rashom għax il-ġebel q'ed iġib ġmielu. Duvina, Kikka u Rożina jaqilgħu xi sold ħażin ħażin mill-bizzilla u Marija żżewġet b'kull risq u hena lir-ragħaj tar-raħal.

Ġol-blat ta' fuq il-wied, li jġib l-isem ta' Geddum Ħanżir, hemm bħal għar, għoli ta' bniedem, li għalina t-tfal kien xi ħaġa misterjuża, għamara ta' ħwejjeġ mhux ta' din iddinja. Igħidulu t-Toqba ta' Kristu. Min jaf dit-toqba x'iridu jgħidu biha. Aktarx li jridu jgħidu Qabar ta' Kristu u, tabilħaqq, dan il-għar qisu demus imħaffer fil-blat minn Natura nfisha. Dan il-għar inti u timxi minn quddiemu mat-trieq li tieħu għax-Xlendi tarah, imħabba l-għamla tiegħu għariba, issa jingħalaq issa jinfetaħ. Trid tara lilna t-tfal qisna mogħnijin bis-setgħa tas-seħer ngħaddu minn quddiemu u ngħajtu "Ja Bieb ingħalaq" inkella "Ja Bieb infetaħ" Wil-wied kien

(1) Fiersi minn fieres, kavalier. Fiersi hawnhekk għandha s-sens ta' "*chivalrous*" bl-inglis, u "*cavalleresco*" bit-taljan.

jidwi bl-għajjat misterjuż tagħna. Illum kull meta ngħaddi minn quddiem dan il-għar nitbissem xħin niftakar fl-ewwel impressjonijiet tat-tfulija, meta mhux darba u tnejn bħal stennejt lil Kristu joħroġ minnu.

Wil-qala tax-Xlendi kemm il-darba ratni nitbaħbaħ, nixxigħel mal mewġ u nitgħatta bir-ramel isfar daqs id-deheb donnu frak ta' ġawhar minn kull lewn! Frenċ, Toni u Peppi għadhom jiftakru kemm majnati konna nagħtu lil xulxin u kif konna nixxegħlu nagħmlu ħobża u sardina u nidħqu naraw iċ-ċagħqa tirgħa ma' wiċċ il-baħar issa tfeġġ issa tgħib fid-dija tax-xemx, qisha ħuta bajda. Imbagħad xi ngħidu għal qbiż għal rasna li konna naqbżu niddieħku b'xi ħadd li kien jeħodha għal żaqqu. L-ikbar pjaċir konna neħduh meta konna naqbżu għal rasna minn fuq il-Blata l-Maqsuma magħġuba ħafna ma' l-għawwiema ż-żgħażagħ li jkunu jridu juru ħilithom għal qbiż. Dbabar ta' qawriet jitwessgħu ġo xulxin issa hawn issa hemm kienu jixhdu s-saħna għal-qbiż minn fuq din il-blata. Ngħid għalija l-ewwel darba li ħadtha minn fuqha ħassejt żaqqi tinġibed ma' dahri bid-dehxa. Imma dan hu frak ta' ħolma li għabet.

Kull xiber art lejn in-naħa tar-raħal tiegħi jfakkarni f'xi ħaġa u bħal issa feġġet quddiem għajn ruħi t-tifkira tal-blat imsejjaħ tal-Għawdxija, dik il-qatgħa li fis-sajf tiżgħed bl-imniezel taż-żaragħ u l-andrijiet. Nistħajjel nara lili n-nifsi tifel mill-ġdid ta' xi ħdax il-sena maħruq bix-xemx u l-kappel tattiben f'rasi. Nistħajjilni q'ed nidres fuk l-andar, f'nofs il-qiegħa bil-bagħla l-bajda ddur ma' dwari tisħaq iż-żargħa, iddur u ddur dawwara mejt sakemm is-sitt ikfief żaragħ isiru tiben u minnhom jitfesdaq il-qamħ jew xgħir għal matmura tassena. U jien l-ħin kollu nsaffar waqt li d-derriesa l-oħra jjħarsu lejja bi tbissima. L-ebda ħsieb tqil ma kien igħabbili moħħi u l-ikbar xewqa tiegħi kienet li wara li nerfgħu mix-xogħol inħejji xibka kbira ħalli xħin jidlam nifrixha fuq ir-sardinella wiesgħa li kienet tixxabbat minn fuq iċ-ċint tas-setaħ tad-dar tagħna għal ġol bitħa, biex naqbad qabda għasafar tal-bejt li kienu jorqdu fuqha. Msejkna għasafar li qatt ma għamluli deni f'hiex kienu isibu ruħhom! Dik is-sardinella għadha hemm xorta waħda; hemm ukoll għadhom l-għasafar tal-bejt imma t-thewdin tiegħi kemm tbiddel minn dakin-nhar l-hawn!

Dal-blat li għal ħabta ta' Lulju u Awwissu kien jintela bil-ħajja tal-andrijiet fix-xitwa kien jisfa baħħ. Ir-riħ jingħi minn fuqu qisu waħx ir-Ragħad. Imma mhux b'daqshekk kien jitlef is-sbuħija tiegħu. Fejn qabel ma kontx tara ruħ, dalblat ma' l-ewwel xita kont tarah jiżgħed bit-tfâl iqallbu l-ġebel għal-għakierex li jkunu ħasbu biex jagħmlu l-ewwel ħarġa

tagħhom wara daqshekk żmien ta' għeluq. Trid tara x'għors kien ikun fina aħna t-tfal tal-Munxar, kulħadd b'bixkilla f'idu jfittex u f'rasu xkora magħmula barnuż. Xi ħsara qatt għamlulna dawk l-għakierex biex aħna ma konniex inħalluhom jistgħallu l-ewwel xita? Għaliex konna neqirduhom għal xejn b'xejn f'borma misħun jagħli nkella nixwuhom ħajjin ġol-ġamar?

Ħsiebijiet bħal dawn qatt ma nibtu f'qalbna. U għalhekk min jista' jgħodd kemm martri għandhom dawn l-imsejknin għakierex fil-martiroloġi tagħhom, biċċa mixwijin ħajjin u oħrajn mgħollijin fil-misħun! Lilhom tmiss bil-ħaqq kollu l-palma tal-martirju fil-Ġenna tal-Bebbux!

Imbierka t-tfulija bil-ħmerijiet tagħha kollha kif tgħaddi malajr! Iż-żmien ibiddel u għalkemm l-għaqal jiżdied u jdawwal l-moħħ, madankollu aħna nitilfu ħaġa bil-bosta għażiża: il-ħolm ta' l-aħjar żmenijiet, dawk l-impressjonijiet kurjużi u dawk ix-xewqat u thewdin fuq ħwejjeġ li ma jistgħux ikunu ħlief f'moħħ ta' tifel li għad ma ġarrabx l-ebusija tal-ħajja. Iż-żgħurija tibqa magħna biss bħala tifkira ta' ħolm li għadda

Kemm drabi xtaqt li jien u ħbiebi ta' darba nerġgħu niltaqgħu mill-ġdid biex noqogħdu nħarrfu fuq il-ftietaq ta' tfulitna.

Imma dan ma jistax ikun għax iż-żmien iqalleb u jbiddel. Peppi, Toni u Frenċ li jiftakruni ħafi bħalhom, liebes qalziet tal-qoton aħmar, fitel taħt irkubtejja, meta llum jarawni liebes libsa tad-dragunar biż-żarbun, ingravata u lobbja "Dan" igħidu f'qalbhom "ma għadux iżjed tal-qatgħa tagħna". U jkellmuni bil qima kollha imma mhux iżjed bi ftuħ-il-qalb bħal dari meta konna nisirqu ċ-ċawsri flimkien. U dawk il-bniet mqarbin ta' darba, illum xebbiet ta' darhom, għajnejhom jiddu bil-milja taż-żgħorija, għalkemm ma jitgerxux minni; isellmuli bi tbissima ħelwa, u meta jkellmuni wiċċhom ifur bil-ħmura tal-mistħija. Ma kienux hekk meta konna nisirku ċ-ċawsri flimkien.

O żmien ħelu kif għaddejtli,  
Żmien ta' meta kont bla ħtija!

Xejn ma baqagħli ħlief it-tifkira ta' din il-ġenna li għabet; u f'xi siegħa ta' dwejjaq inħobb ninsa l-issa u niftakar f'dak iż-żmien meta kont nimraħ ma' sħabi ta' darba fuq il-blat ta' l-Għawdxija; jew nidres fuq l-andar biż-żaragħ iħaxwex taħt saqajja. Fost kollox togħġobni t-tifkira ta' Duvina b'xagħarha mħabbel mal-fergħa tas-siġra taċ-ċawsri wil-wied jidwi bit-twerżiq tagħha.

**Gużè Aquilina.**